Fit-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar

ENVIRONMENT AND PLANNING
REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
02 AUG 2021
ST. FRANCIS DITCH
FLORIANA

Dylan Agius (ID 383391M)

vs

L-Awtorita` ghall-Ambjent u r-Rizorsi

Rikors tal-appell ta' Dylan Agius (ID 38339M)
Jesponi bir-rispett;

1. Dan huwa appell mid-decizjoni tal-Awtorita` ghall-Ambjent u r-Rizorsi tas-6 ta' Lulju 2021 sabiex tinhareg Penali Amministrattiva ta' €2,050 minhabba dan il-ksur:

   Nhar il-Hamis, 28 ta' Jannar 2021, ghall-habta tal-ghaxra neqsin ghaxra ta' filghodu (09:50) il-vettura GAE-667 kienet qed iggorr Skart ta' Taghmir Elettriku u Ellettroniku (WEEE) kif ukoll skart iehor b'mod kummercjali fi Triq Dun Manwel Zammit, fis-Siggiewi. Din il-vettura, li kienet misjuqa mis-Sur Dylan Agius, ma kinetx irregistrata mal-Awtorita` ghall-Ambjent u r-Rizorsi ghall-garr tal-iskart, kif ukoll kienet qed iggorr skart b'mod kummercjali minghajr Permess ta' Kunsinna (CP) u minghajr Nota tal-Kunsinna mimlija (CN). Dan kollu huwa bi ksur tar-Regolamenti fuq Registrazzjoni ta' Attivitajiet fil-Maniggar ta' Skart – L.S. 549.45.

2. L-esponent hassu aggravat minn din id-decizjoni u qed jinterponi dan l-umli appell.

3. L-esponent ihoss li l-penali amministrattiva ta' €2,050 hija manifestament irragjonevoli u ghal kollox sproporzjonata ghac-cirkostanzi tal-kaz.

4. L-esponenti jifhem li s-sanzjoni hija rimessa lill-valutazzjoni tal-Awtorita` appellata li tgawdi poter diskrezzjonali. Minn naha l-ohra id-decizjoni diskrezzjonali taghha lanqas ma hi wahda assoluta ghaliex kieku kien hekk il-ligi ma kienx ikollha ghalfejn takkorda d-dritt ta' appell lill-Bord kontra dik l-istess decizjoni.

5. Fil-kaz in ezami l-esponent ihoss illi jezistu cirkostanzi tajbin sabiex dan l-Onorabbli Bord jissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Awtorita` minhabba li d-decizjoni taghha hija rragonevoli u sproporzjonata. Il-principju tal-proporzjonalita` jitlob illi bejn il-fatt addebitat u s-sanzjoni l-gudizzju ma jsirx fl-astratt izda b'riferiment ghac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

6. F'dan il-kaz l-esponent kien qed igorr skart b'mod kummercjali minghajr l-awtorizzazzjoni mehtiega. Huwa genwinament ma kienx konsapevoli li kien hemm awtorizzazzjoni mehtiega ghal dan l-iskop, u barra minn hekk, dan kien l-ewwel ksur tieghu tar-regolamenti. Barra minn hekk, l-agir tieghu, ghalkemm irregolari, ma kienx wiehed li jqieghed lil persuni jew proprjeta` f'perikolu jew f'riskju, u dan ix-xoghol huwa kien qed jaghmlu bil-prekawzjonijiet u l-mizuri kollha mehtiega, b'mod sigur, u skont is-sengha u l-arti. L-uniku nuqqas tieghu kien wiehed purament ta' amministrazzjoni, u mhux wiehed li huwa ta' pregudizzju jew ta' hsara ghal terzi.

Ghaldaqstant, ghal dawn il-motivi u ghar-ragunijiet l-ohra kollha illi jistghu jirrizultaw mit-trattazzjoni tal-appell, l-appellant jitlob umilment li dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jirriforma d-decizjoni tal-Awtorita` ghall-Ambjent u r-Rizorsi tas-6 ta' Lulju 2021 sabiex tinhareg Penali Amministrattiva ta' €2,050 billi tipprovi ghal penali amministrattiva aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

**Av. Veronique Dalli**
280 E, Republic Street, Valletta

**Av. Andrew Saliba**
280 E, Republic Street, Valletta

*Notifika: Environment and Planning Review Tribunal, PO Box 172, Marsa.*